MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1761/2001/1

**Helen *sive* Nellie armla mill-Avukat Dottor Joseph MIĊELI, Anthony Miċeli Demajo, Herman Miċeli Demajo, Norbert Miċeli Demajo u Maria mart Roger Strickland**

**vs**

**Carmelo *sive* Charles PISANI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-7 ta' Novembru, 2001, li bih l-atturi ippremettew;
Illi permezz ta' skrittura privata datata l-1 ta' Jannar 1998 (Dok. A) l-atturi krew lill-konvenut li aċċetta d-dar bil-mobbli ta' ġo fiha li ġġib l-isem "Trafalgar" numru 7, Triq Ġuże' Howard, Sliema versu l-pattijiet u l-kondizzjonijiet stipulati fl-istess skrittura privata, inkluż:

a) Li l-kirja tkun għal perjodu ta’ sentejn b’effett mill-1 ta’ Jannar 1998.

b) Li l-kera, pagabbli kull xahar bil-quddiem, tkun ta’ għaxart elef Lira fis-sena b’dan illi fl-ewwel sena l-kera ġiet ridotta għal Lm310 fix-xahar.

Illi l-konvenut għadu jokkupa l-imsemmija dar bil-mobbli fuq riferiti nonostante l-fatt illi ż-żmien meta huwa suppost irritorna l-istess dar u mobbli lill-atturi ilu li skada.

Illi mis-somma totali ta’ tlettax-il elf, seba’ mija u għoxrin Lira (Lm13,720) dovuta mill-konvenut lill-atturi in linea ta’ kera għall-fond u l-mobbli de quo għall-perjodu bejn l-1 ta’ Jannar 1998 u l-31 ta’ Diċembru 1999, il-konvenut ħallas biss is-somma ta’ Lm4,170 u għalhekk għad fadallu jħallas bilanċ ta’ Lm9,550.

Illi l-atturi għandhom dritt li jitolbu kumpens mingħand il-konvenut għall-okkupazzjoni u l-użu tal-fond u l-mobbli de quo mill-1 ta’ Jannar 2000 sakemm jirritornhom lilhom.

Illi l-konvenut qiegħed jirrifjuta li (a) jirritorna l-fond u l-mobbli de quo lill-atturi, (b) jħallas il-bilanċ ta’ Lm9,550 dovuti in linea ta’ kera kif fuq imsemmi u (c) jħallas il-kumpens riferit fil-paragrafu preċedenti.

Għaldaqstant, l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti, għal dawn ir-raġunijiet premessi għaliex m’għandiex:

1. Jiġi dikjarat u deċiż illi l-lokazzjoni tad-dar 7, Triq Ġuże’ Howard, Sliema u l-mobbli ta’ ġo fiha mertu ta’ l-iskrittura datata l-1 ta’ Jannar 1998 illum skadiet u per konsegwenza l-konvenut qiegħed jokkupa u jiddjeteni l-istess dar u mobbli mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi u għandu jirritornhom lill-atturi;

2. Jiġi kkundannat sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss jiżgombra mill-fond fuq imsemmi li jġib l-isem “Trafalgar” numru 7, Triq Ġuże’ Howard, Sliema;

3. Jiġi kkundannat sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss jirritorna lill-atturi l-oġġetti mobili fuq imsemmija mertu ta' l-iskrittura li ġġib id-data ta' l-1 ta' Jannar 1998 fi stat tajjeb ta' riparazzjoni "fair wear and tear excepted" u fin-nuqqas jiġi kkundannat iħallas lill-atturi l-valur li jiġi wkoll stabbilit minn din il-Qorti ta' dawk l-oġġetti kollha li ma jirritornax lill-atturi fiż-żmien hekk lilu konċess;

4. Jiġi l-konvenut ikkundannat iħallas lill-atturi s-somma ta' disat elef, ħames mija u ħamsin Lira (Lm9,550) bilanċ ta' kera tal-fond u l-mobbli de quo għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 1999;

5. Jiġi ddikjarat u deċiż illi l-atturi għandhom dritt li jiġu kkumpensati mill-konvenut għall-okkupazzjoni minnu tal-fond de quo cioe' d-dar li ġġib l-isem "Trafalgar" numru 7, Triq Ġuże' Howard, Sliema u għall-użu tal-mobbli mertu ta' l-iskrittura ta' l-1 ta' Jannar 1998 u dan mill-1 ta' Jannar 2000 sal-ġurnata meta huwa jirritornahom lill-atturi;

6. Jiġi stabbilit minn din il-Qorti l-ammont ta' kumpens hekk dovut mill-konvenut lill-atturi; u

7. Jiġi l-konvenut ikkundannat iħallas lill-atturi din is-somma hekk likwidata in linea ta' kumpens.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-16 ta' Ġunju 1999 u ta' l-ittra bonarja tal-11 t'Awissu 1999 u bl-imgħax legali (li għar-rigward ir-raba' talba għandu jiddekorri mill-1 ta' Jannar 2000) kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat id-Degriet tagħha tal-4 ta' April, 2002, fuq talba magħmula mill-Avukat Dottor Tonio Azzopardi, maħtur bħala Avukat għall-Għajnuna Legali tal-imħarrek fir-Rikors

imressaq minnu fit-3 ta' April, 2002[1], li bih il-Qorti tat lill-imħarrek żmien ta' għoxrin jum biex iressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Rat illi fis-26 ta' April, 2002, l-imsemmi Avukat Tonio Azzopardi ressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet b'Dikjarazzjoni mehmuża magħha maħlufa minnu stess;

Rat id-Degriet kamerali tagħha tal-21 ta' Ġunju, 2004[2], li bih u fuq talba tal-atturi waqt is-smigħ tas-7 ta' Mejju, 2002, ordnat it-tneħħija tan-Nota tal-Eċċezzjonijiet mill-atti tal-kawża minħabba l-irritwalita' tagħha;

Rat id-Degriet tagħha tat-8 ta' Lulju, 2004, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza u tat lill-imħarrek żmien biex iressaq Nota ta' Sottomissjonijiet skond ma jrid l-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-Rikors imressaq mill-imħarrek fil-15 ta' Lulju, 2004[3], li bih huwa talab li jitħalla jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu, għal liema talba l-atturi opponew għar-raġunijiet imsemmijin fit-Tweġiba tagħhom tas-27 ta' Settembru, 2004[4];

Semgħet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw dwar din it-talba tal-imħarrek;

Rat l-atti tal-kawża rilevanti għal dan l-episodju;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2004,li bih hija waqfet milli tgħaddi għall-qari tas-sentenza u ħalliet il-kawża għal lum għad-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tħalli lill-imħarrek jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġ. 16 tal-proċess
[2] Paġġ. 44-6 tal-proċess
[3] Paġ. 51 tal-proċess
[4] Paġ. 55 tal-proċess

Illi jibda biex jingħad li t-talba mill-imħarrek biex jitħalla jsaffi l-kontumaċja tiegħu qegħda ssir fi stadju meta l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza. Iżda l-Qorti tqis ukoll il-mod mhux tas-soltu li fih inħoloq l-episodju li wassal lill-imħarrek jitlob li jitħalla jikkontesta l-kawża. Skond ma ngħad minnu fir-rikors tal-15 ta' Lulju, 2004 – meta l-kawża kienet allura diġa' mħollija għas-sentenza – huwa ma kienx ġie mgħarraf bil-kawża jekk mhux mill-atturi nfushom, għaliex meta waslulu l-atti tal-kawża ħutu kienu ħbew minnu l-fatt li kienet saret kawża kontrih. Ir-raġuni li tissemma mill-imħarrek (u ssemmiet ukoll qabel mill-avukat imqabbad għalih bil-Benefiċċju tal-Għajnuna Legali, presumibilment fuq talba ta' ħaddieħor f'isem l-istess imħarrek) għaliex ma tħalliex ikun jaf li nbdiet kawża kontra tiegħu jingħad li hija l-qagħda mwiegħra ta' saħħtu;

Illi l-atturi jilqgħu għal din it-talba għaliex jgħidu li lill-imħarrek kien ingħata żmien twil biżżejjed biex iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu u issa, wara li naqas li juża l-fakulta' li tagħtu l-Qorti, qiegħed jipprova jerġa' jitlob li jingħata okkażjoni oħra. Fuq kollox, huma jmieru l-fatt li saħħet l-imħarrek hija daqshekk ħażina li ma satax iressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet f'waqtha u fiż-żmien mogħti lilu mill-Qorti;

Illi l-kwestjoni quddiem din il-Qorti hija dik li tirrigwarda l-kontumaċja tal-imħarrek u mhux is-siwi tan-notifika lilu tal-atti tal-kawża. Fl-ebda waqt, fir-rikors tiegħu ma jissemma li n-notifika ma kinitx sewwa, u l-atti tal-kawża nfushom ma jagħtu l-ebda ħjiel li sata' tassew kien hemm xi ħaġa irregolari fin-notifika tal-atti tal-kawża li saret lil qarib jew membru tal-familja tal-imħarrek. Għalhekk, din il-Qorti sejra tillimita ruħha għall-konsiderazzjoni tal-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja;

Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala

kontestazzjoni[5], u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-ohra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi - bħala element ta' disordni soċjali[6];

Illi fuq ix-xaqliba l-oħra, u minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja ġġib magħha, il-Qrati tagħna ddeċidew li r-rigorosita' tal-proċedura għandha tiġi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumaċja titqies ġustifikata[7];

Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża[8]; (ċ) li jeħtieg li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha irid ikun dik li bnadi oħra ssejħet bħala *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika, u eċċezzjonalment biss, waħda morali[9];

---

[5] Ara App. Ċiv. : **6.11.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġerada vs Attard*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.545**)
[6] Ara App. Kumm.: **21.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.170**)
[7] P.A. **4.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Ellul*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.729**)
[8] Ara App. Inf.: **3.5.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca vs Mifsud*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.738**) u App. Inf. : **29.11.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.811**) u l-kawżi hemm imsemmija
[9] Ara, per eżempju, App. Ċiv.: **12.12.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** (Mhix pubblikata); u P.A.: **27.2.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Naudi Montaldo noe vs Xuereb*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iii.1214**)

Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja ta' tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa żminijiet riċenti u ddistingwew bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-ieħor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawża u li ma laħaqx għamel dan għal raġuni li ma kienx jaħti għaliha[10];

Illi dwar x'iwassal lil kontumaċja biex titqies bħala waħda kolpuża, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'sentenza tagħha tas-**7 ta' Marzu, 1994**, fil-kawża fl-ismijiet Joseph Delceppo vs Onorevoli Raymond Bondin *et*[11], fejn ingħad li "il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-liġi, jonqos li jagħmel l-arranġamenti neċessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri reġistrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arranġamenti imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. . . . Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jircievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni oħra, u li jridu jiġu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ". F'dik l-imsemmija sentenza l-Qorti kienet tenniet b'enfasi li l-liġi, fl-artikolu 187 tal-Kap 12, tqiegħed dmir fuq iċ-ċittadini kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha li jaraw u jassikuraw li dawk il-persuni kollha li jgħixu magħhom fid-dar fejn joqogħdu jikkonsenjawlhom l-ittri li jirċievu;

Illi f'din il-kawża, l-imħarrek jgħid li huwa ma kienx jaf li kienet infetħet kawża kontrih u li sar jaf biha mill-atturi nfushom. Jekk dan huwa tassew il-każ dan ikun ifisser biss li m'huwiex qiegħed jagħti raġuni pożittiva għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tiegħu. Il-kwestjoni ta' ħabi (jekk huwa l-każ) min-naħa ta' terzi persuni tal-att ġudizzjarju notifikat ma jikkwalifikax bħala ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, imma jirrigwarda s-siwi tan-notifika. Kif ingħad qabel, l-istħarriġ waħdieni li qegħda tagħmel din il-Qorti f'din is-sentenza huwa dwar jekk l-imħarrek weriex li għandu raġuni tajba biex jitħalla jsaffi l-kontumaċja tiegħu;

---

[10] P.A.: **9.12.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***G. Beacom vs A. Spiteri Staines*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.195**)
[11] Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.28**

Illi ir-raġuni indiretta li tissemma fir-rikors tal-imħarrek (u li kienet ukoll ir-raġuni msemmija mill-avukat Azzopardi meta fil-bidu talab li jingħata aktar żmien biex iressaq in-Nota tal-Eċċezzjonijiet) hija dik tal-qagħda mwiegħra ta' saħħtu. Iċ-ċertifikati mressqin f'isem l-imħarrek[12] juru li huwa jbati minn problema ta' disfunzjoni fil-kliewi, diabete, pressjoni għolja, arterjosklerożi u glawcoma. Minkejja dan, huwa m'huwiex rikoverat fi sptar, għalkemm il-mawriet tiegħu fl-isptar huma spissi (l-aktar minħabba l-proċess tad-dijalisi);

Illi l-Qrati ġeneralment urew li lesti li jagħtu lil persuna li turi li tassew kellha raġunijiet tajba minħabba l-istat ta' saħħitha, il-kreditu kollu biex titqies li ġġustifikat il-kontumaċja tagħha[13]. Madankollu, r-raġuni waħedha li persuna kienet marida fil-jiem li fiha setgħet jew messha tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet ma jġibx b'daqshekk biss li l-kontumaċja tagħha kienet mistħoqqa[14], għaliex trid tintwera ċirkostanza ta' impediment invinċibbli li minħabba fih dik il-persuna tkun miżmuma milli tikkomunika mal-avukat tagħha. Fil-każ tal-imħarrek, jingħad fl-ewwel lok, li jekk dak li ngħad dwaru kien minnu, ma kinitx il-qagħda ta' saħħtu li żammitu milli jfittex lill-avukat tiegħu: kemm hu hekk, lanqas kien ġie muri minn ħutu li kellu għalfejn jaħseb biex ifittex avukat (għalkemm xiħadd minnhom jew għalihom deherlu li kien kollox sewwa li jressaq applikazzjoni f'ismu biex jingħata l-benefiċċju tal-Għajnuna Legali);

Illi fit-tieni lok, dak li huwa milqut minnu l-imħarrek huwa ġabra ta' kundizzjonijiet kroniċi li, sakemm m'humiex terminali, ma jistgħux jitqiesu bħala mard li jżomm lill-persuna milli tattendi għad-dmirijiet soċjali tagħha. Ukoll kieku kien dan il-każ, ma jidhirx li nstab xi xkiel kbir biex l-istess imħarrek jaħlef nota[15] li fiha reġa' tenna li ma kienx jaf biċ-ċitazzjoni. Dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li kien hemm meżżi leġittimi fiż-żmien utli biex l-imħarrek seta' jressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilu;

[12] Dok "CP1" u "CP2", f'paġġ. 28 u 32 tal-proċess
[13] Ara, per eżempju, P.A. RCP **31.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Edwin Calleja pro et noe vs Joseph Said***
[14] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi et noe vs Navarro*** (Kollez. Vol: **LXX.ii.250**)
[15] Ara paġ. 57 tal-proċess

Ghal dawn ir-raġunijiet, għalhekk, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Ssib li ma nġabitx raġuni tajba biżżejjed biex l-imħarrek jitqies li ġġustifika l-kontumaċja tiegħu**;

Iżda, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u b'applikazzjoni tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, **tikkonċedi lill-istess imħarrek** żmien perentorju ta' wieħed u għoxrin (21) jum millum biex, jekk irid, iressaq Nota bl-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi.

**Bl-ispejjeż** ta'din id-deċiżjoni kontra l-imħarrek u skond ma jipprovdi l-artikolu 920(2) tal-Kap 12.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------